# TAĦBIT U FERĦ TA' ĦAJJA

Is-sur Tonin Bellizzi ma kienx demm Malti: hu kien Taljan. Il-ġibda u l-ħajra kbira li kellu għall-kotba sa minn ċkunitu, dejjem ġibitu l-ewlieni fost sħabu; l-ewwel ma qabad kien studju fuq l-ilsna u, żagħżugħ ta' sbatax, kien ġa jħaddem sewwa l-latin, l-ingliż, u l-grieg qadim; imbagħad taha għall-istudji ta' għerf-il-kwiekeb, u wara tħajjar ukoll jaqbad xi ftit filosofija, u moħħu dlonk beda jhewden fuq Sokrati, Platun, Aristotli, Senofonti u filosfi oħrajn: huma kienu, dak iż-żmien, l-ikel ta' ħsebijietu. Kien bin il-għonja, u billi niesu li ma kellhomx għajru, rashom, ma setax jonqos, kienet mimlija bih, u ma kienu jarawha xejn bi kbira jħallsulu l-ħlejjes is-sbieħ għat-tkattir tal-istudji tiegħu. Kienet is-sena 1848: żmien imwiegħer u ikreh bosta. Missieru kellu sehem kbir fil-ħajja pulitka tal-pajjiż u, mixgħul b'nar qawwi ta' mħabba għal artu, ma kienx iħalliha għaddejja lixxa lil Ferdinandu Borbone li taħt il-madmad kiefer tiegħu ż-żewġ Sqallijiet kienu jinsabu fin-nar ta' l-infern. Il-kotra, imkebbsa mill-kitba rivoluzzjonarja ta' missieru, mqajma minn nagħsa ħiemda li kienet traqqdilha demmha, xegħlet kontra Ferdinandu; imma x-xorti kemm kienet ħażina magħhom, imsejkna! Is-sena ta' wara Ferdinandu reġa' ġie minn fuq, u kull min ħa xi sehem, kbir jew ċkejken, fl-irvell kellu jfittex idabbar rasu.

Dik il-ħabta Toninu, mogħti kollu kemm hu għall-iskola, bla l-iċken ħjiel li jissieħeb, bil-kitba tiegħu, fix-xogħol ta' missieru għall-ġlieda kontra Ferdinandu, kien qiegħed b'imħatra ma' ħabib u fl-istess ħin għadu tiegħu, Bertu Caprile, għal min minnhom jirbaħ l-ewwel fil-konkors, imniedi mill-Università, għall-isbaħ biċċa xogħol oriġinali mitbugħa b'taljan tajjeb u safi. Ma għandniex xi ngħidu, Toninu ta ruħu u ġismu għaliha, u kull filgħodu kmieni, meta l-lejl ikun għadu ma tkebbisx mill-ħeġġa tad-dawl u tax-xemx— tax-xemx li Dubartas, mill-aħjar fis-sengħa ta' l-perifrasi, sejħilha *granduca delle candele*—hu kien joħroġ minn soddtu, rasu jħossha tqila u ddur bih, donnha titolbu biex jistrieħ mill-ġdid; imma xewqtu kellha mill-ħadid u miż-żonqor u qatt ma tmejlet ħarira għall-għeja u l-kedda ta' ġismu.

L-arloġġ li kien qiegħed fuq tavolina ħdeju rasu, kien qiegħed idoqq l-erbgħa ta' filgħodu meta Toninu nkixef mill-għata u bħala reżħa ġriet ma' ġismu; qabad imnara f'idejh

u jgeżwer ħwejġu telaq għall-kamra ċkejkna fejn, tliet sigħat qabel, kien kollu mitluf u mehdi jikteb, u.. xi ħabtiet jogħnos.

Kien Frar fawwâr u x-xita barra kienet iċċaqċaq bla ħeda; daqqiet, ħarsa lejn is-sema sewdieni kienet turih bħal sriep tan-nar joforqu d-dalma, u mbagħad jisma' fuq rasu l-kamra titgħeżżeż u r-ragħad ikarwat, ragħad li jriegħdlek qalbek, donnu ġej mill-bogħod il-bogħod sa jasal fejnek u jfaqqa' f'daqqa. Toninu ħares lejn is-sema mgħajjeb minn sħab magħqud u mimli, ħares lejn is-saħħa tax-xita li kienet tlanġas bil-kif, fuq il-qawwa tas-sajjetti qishom idamdmu ġo qalbek imnixxfa bil-biża', u bejnu u bejn ruħu qal bi kliem il-filosfu: "ħaġa waħda jien naf, u din hi li jiena ma naf xejn". Dak il-ħsieb kebbes f'moħħu ħsebijiet oħra u, miġnun bil-ferħ, issokta fix-xogħol tiegħu.

Mill-knisja tal-qrib kienu qed idoqqu s-sitta, tokk wara l-ieħor: il-ħin donnu ma jridx igħaddi daqs kemm kienu dawk it-tokki jħabbtu bil-mod; meta f'daqqa jisma', minn kamra ta' l-indana ta' taħtu, bħal twerżiqa ta' mara, tisbita ta' ġisem, u xejn aktar. L-arloġġ kien għadu jħabbat, ix-xita kienet għadha tagħti.

Ta' min setgħet tkun dik it-twerżiqa ħlief ta' ommu? Qalbu ħebritu b'xi ħaġa kbira u kerha, u kemm riġlejh jifilħu ġera lisfel: il-bieb tal-kamra kien magħluq. "Ma, ma!" għajjat, "ma, iftaħ!" Ebda tweġiba, ebda ħoss, skiet tal-qabar. Kemmxejn tas-saħħa, u l-bieb sab ruħu ġewwa; Toninu waqaf bħal miblugħ iħares. Id-dawl inemnem wera, mitluq ma' l-art f'telqa tal-mewt, lil missieru, mgħarrar f'demmu li bħal fawwara kien nieżel minn ġerħa wiesgħa f'sidru, u lil ommu, għaxja, safra daqs il-qasra tax-xama' fl-aħħar rabta ta' mħabba, ħarsitha għalxejn iħarsu fil-ħars ċass ta' bniedem mejjet.

Imsejken raġel! Ħadem sħieq u tajjeb, b'imħabba ta' bil-ħaqq safja, għat-tmexxija 'l quddiem ta' pajjiżu, għall-ħelsien mixtieq, ta' poplu mxewlaħ, rasu dejjem imħawda b'mitt xorta ta' taħbit. Ir-rebħa ta' Ferdinandu deffset stallett ta' mrar ġo qalbu, u minn ftit taż-żmien 'l hawn beda jara kollox kontrieh, xejn li jħajru biex jerġa' l-ġlieda.

—Mà! Pà! X'inhu dan tagħkom?—għajjat Toninu f'telfa miġnuna ta' biki. Ħareġ jiġri barra, mitluf minn sensih, igħajjat. Ħabtu dak il-waqt għaddejjin xi nies, ħbieb ta' missieru, u daħlu bilġri ġewwa: f'ħin wieħed id-dar saret ta' taħt fuq, ġiri ta' nies, taqlib u agħa: laħqu wkoll,

imma mhux f'waqtu, it-tabib u l-qassis. Kollox tar f'daqqa waħda minn ħsieb l-imsejken Toninu, u għajnejh bdew idemmgħu bil-moħbi; imma dak il-biki sieket kemm kien qed jagħfaslu qalbu u x'bidla kienet qed tiġri ġo fih!

L-għada Toninu qam bħas-soltu, fl-erbgħa ta' filgħodu, iżda ma marx dritt f'kamartu; niżel fil-kamra fejn missieru kull filgħaxija kien jinġabar, u hemm sab, ġo gods karti u ittri oħra, karta, b'taħżiż fuqha mħarbex bis-serqa, li tgħid: Għażiż Toninu, id-dar li int qed tgħix fiha, ma hix tagħna, anqas l-għamara, u anqas ħwejjiġna. Fittex aħrab minn hawn; fittex aħrab jekk ma tridx issib ruħek imsakkar ġo ħabs. Hu ħsieb u ħobb lil ommok; weġġaħ il-għadam sieket ta' missierek. Jien mitt għax qatt ma xtaqt, għax qatt ma ridt nara lilek bin priġunier, bin ħabsi.

Minn hemm Toninu resaq lejn il-kamra tiegħu, wiċċu isfar u mixrub; ħaddejh tilfu sħiħ mill-ħeġġa u mill-ħmura, donnhom minn fuqu għaddew f'daqqa għoxrin sena bit-toqol u bl-imqata kollha tagħhom. L-ewwel ma ġiet quddiem għajnejh kienet il-biċċa xogħol letterarja li kien ġa ta bidu tagħha, u bid-dmugħ fuq in-niket, qabad jaqra:—

"Insibu fil-kotba tal-ġrajjiet ta' Ruma, il-belt li ma tmutx mad-dewwiema tas-snin, miktuba l-ħila barranija ta' nies bħal Ġulju Ċesri, u l-id tal-ħadid li mexxiet nofs id-dinja ta' dak iż-żmien, u l-fehma qawwija li qatt ma tgħawġet taħt id-daqqiet tal-azzar u fuq l-imrammi mfarrka. Insibu nies bħal Ċiċerun, sebħ u ġieħ ta' artu; bħal Brutus, ħabib ta' ġewwa ma' Ċesri, mirbuħ minn kliem Kassju u mdaħħal fix-xibka ta' ftehim għall-qtil tiegħu;bħal Antonju li ndegħex u beka fuq il-ġisem tal-akbar mexxej li qatt rât Ruma, u hemm ħalef fuq dawk il-ġrieħi miftuħa quddiemu li Ruma titħallas minn demm il-qattiela: insibu nies bħal dawn, u moħħna jieqaf fuqhom.

"U nsibu wkoll fil-ġrajjiet ta' Greċja u ta' l-Asja nies bħal Ulissi bħal Akilli li, b'dehen barrani u b'ħila li tgħaġġbek, għarfu jgħollu, u jdawru bir-rand, ġieħ arthom, u jkabbru isimha. U għall-għajta ta' art twelidhom ma qamux jewilla t-Tliet Mija u bla ħjiel ta' biża', bla lewma, bla tnehida, iġġieldu u tqattgħu? Jekk il-lum għadamhom issibu f'Maratona imma isimhom u ħilithom issibu kullimkien!

"Iżda l-ħila, l-imħabba, u l-qawwa li l-lum jiddu b'leħħa barranija quddiem għajnejna, u jikbsu xrara ta' ħsieb u ta' ħeġġa, x'naf ngħid fuqhom jien? X'naf minn dik il-għira li libsithom bil-ħajr u bil-glorja? X'naf mit-tiġrib li ġarrab

għadd ċkejken imma qawwi fit-taqbidiet famużi ta' Salamina u ta' Maratona? Xejn: qalbi bierda tħares lejn l-għamil ta' sebħ u ta' qawwa, titgħaxxaq bih, u ma tisseħibx.

"Jekk issa, miġbur f'sikti, nitħaddet ma' qalbi u fiimkien, jien u hi, inħarsu lejn is-sema, ngħarrxu qalb il-kwiekeb, bejn is-sħab, lejn il-qamar sieket, nistħajjel li hi tgħidli: X'taf int mill-qawwa li qed iżżomm dawk il-kwiekeb iduru dejjem fix-xejn, u ma jaqgħux? X'taf int mis-seħer li kull waqt iżejjen u jsebbaħ is-sema?

"Imbagħad għajnejna jmorru fuq il-firxa bla tarf ta' għelieqi ħodor, fuq il-ward li jikber imżewwaq, sabiħ u dejjem ifuħ, fuq il-wesgħa u l-blat li jħażżmu l-baħar, fuq il-ħut, kbir jew żgħir, lewn il-fidda, lewn ix-xefaq ma' nżul ix-xemx u elf lewn ieħor, u donni lil qalbi nerġa' nismagħha siekta, tgħidli: X'taf int mis-sbuħija li sawret dik il-warda? mill-ħut li jimraħ f'għadd bla tmiem, taħt wiċċ il-baħar? mill-mewġ, issa b'saħħtu u jrid jibla' l-art u issa ġwejjed u ħanin?

"Fejn huma l-kotba, imbagħad nistaqsi jien, fejn huma l-iljieli ta' sahra? Kif xejn, xejn ma ħassilt minnhom?

"Dak hu kobor ta' bil-ħaqq: dak hu kobor li ma ssibx fil-kotba.

"U reġa' fiha l-Leħen Moħbi, aktar qawwi u aktar niggieżi: Haġa waħda jien naf, u din hi li jiena ma naf xejn!..."

Sa hawn kien wasal bil-kitba tiegħu Toninu, kitba li ħaseb sa tagħmillu isem kbir, meta ħin-bla-waqt kellu jitlaq kollox mn'idejh u jiġri bħal maħrub lisfel biex, f'kamra mċappsa dbabar ħomor ta' demm imtajjar, jara 'l missieru fit-telqa għajjiena tal-mewt u 'l ommu, għaxja, mixħuta fejnu.

Hsieb Toninu issa kien jekk jitlaqx minn pajjiżu, skond l-aħħar xewqa ta' missieru, jew jekk bil-ħeġġa ta' mħabba żagħżugħa, jissoktax il-ġlieda hu, fi kliem ieħor, jaqbad il-ħajja pulitka. Ngħiduh minn quddiem, Toninu kien ħaseb li bil-kitba tiegħu sa jilħaq ħdejn Ġan Ġakmu Rousseau, imma l-ħsieb kemm ifalli bosta drabi! Kellu, minkejja fih in-nifsu, jaqbad trieq oħra mħawda, aktar imħabbta, aktar ta' dwejjaq, li wasslitu qalb għawġ; lewa dahru għażżebliħ u l-kliem iebes ta' min ma jħaddanx il-fehmiet tiegħu, ġibed fuqu l-mibegħda u l-għira ta' ħafna sakemm, fl-aħħarnett, wara rewwixta li kienet se tiswa ħajtu, sab ruħu maqful u msakkar ġo ħabs mudlam, imwarrab mill-ħbieb li, qalb ta' ljun, iġġieldu spalla ma' spalla miegħu.

Kienet is-sena 1853 meta ġie maqbud u miżmum kalzrat, iżda f'Mejju ta' dik is-sena kellu jħalli lill-Italja bħala priġunier pulitku u jaqbad it-trieq għal Malta, wara li xi ħbieb ħallsulu l-passaport, bla ħabba fil-but, biex igħix ħajja fqira u mikduda, midri minn kulħadd, u bla ħadd ma kien jaħseb li taħt dak il-faqar kien hemm moħħ li jaf jaħseb u qalb li taf tħobb. Kienu jarawh fil-jiem tax-xitwa tiela' mit-telgħa ta' Bormla għal Ħal Tarxien, b'xi erba' ħutiet irqaq imqartsin f'karta, ikla msejkna kemm jista' jkun imma li għalih kienet sombor.

Il-għaks! hi kelma kerha bosta, u min ma ġarrabx jiem mingħajr ikel, irqad barra, u ħars biċ-ċiera ma jistax jagħti tifsira xierqa tagħha.

Min għex fl-akkarija u fil-faqar ma jistħix jidher b'ilbiesu mqattgħa, roqgħa fuq oħra; u, għad-dawl tax-xemx, barra t-trieq qalb ir-raba', ikun fejn ikun, leħnu dejjem jinstama' hieni u ferrieħi. Anqas l-għonja bil-vilel u l-frugħat tagħhom, u s-slaten bil-palazzi, bit-tlellix, u bit-tislim minn kull fejn igħaddu, qatt ma jħossu rwieħhom hienja u ferħana daqsu! Imma dik li minn jum għall-ieħor trid iġġarrab ittoqol ta' ħsara akbar, igħibu l-ħbieb u jgħibu l-imwejjed imħejjija b'ikel tajjeb, igħibu l-uċuh imdorrija madwarek u tnin bis-sigħat it-tbissima ta' għajnejk, dik li trid tmidd idejk mistħi biex taqla' xi ħaġa kemm tikser il-ġuħ, ah! dik hi tassew kiefra; aktar milli l-karattru qawwi tal-bniedem jiflaħ iġarrab.

Nerġgħu fejn konna: għaddiet bit-toqol u l-qrusa tagħha medda ta' għoxrin sena sħaħ li dehru sekli twal, mingħajr tmiem, għall-imsejken Toninu. Kif għadda ħajtu ma' tul dawn is-snin kollha, ma nafux, biss, minn tiftix li għamilna stajna niksbu, li hu kien jiġbor xi żgħażagħ tar-raħal, u meta x-xemx tkun nieżla u xogħolhom ikun spiċċa, kienu jmorru f'xi mkien ħiemed u mwarrab, u hu joqgħod, bis-sabar kollu, ifissrilhom is-sbuħijiet tal-Vanġelu, is-sewwa t'Alla, igħidilhom xi bċejjeċ mill-istorja ta' Ateni u ta' Ruma, igħallimhom ftit taljan u ingliż,u kemm-il-darba xi żagħżugħ tiġih ir-rieda li jitgħallem ilsien ieħor barrani, kien joqgħod b'sabru jurih, ifiehmu, u jgħallmu. Ma għandniex xi ngħidu, iż-żgħażagħ bdew iħobbuh b'imħabba ta' wlied, u mill-ħabba li jħassel minnhom, kien jaqla' l-għajxien.

Ma' din il-ġemgħa żgħażagħ dejjem kien jara kif jiddeffes daqsxejn ta' tfajjel, liebes mill-aħjar u mix-xeħta tiegħu xejn ma jtik taħseb li hu bin l-egħlieqi jew bin il-faqar: xagħ-

ru mfelfel lewn id-deheb, għajnejh sbieħ u-kbar, u moħħu kien jidher iwassal aktar minn ta' l-oħrajn, għad li ċkejken. Hu kien jidher miġbud sħiħ lejn Toninu, jiġri miegħu qisu dellu, ikellmu bil-ħlewwa tat-tfal għalkemm drabi kliemu donnu l-kliem ta' wieħed kbir. U Toninu, min-naħa l-oħra, kien iħallas l-imġiba tajba tiegħu billi, b'sabar kbir li kienu jtuh il-ħamsin sena li kellu, kien joqgħod, minsub miegħu taħt xi ħajt delli, igħallmu t-taljan, ilsien li t-tifel kien iħobb bosta u li hu malajr qabad.

Darba, kien is-Sibt, waqt li fix-xgħila ta' ħsiebu u ta' kliemu Toninu, imsaħħan u mbergħen, kien igħid lit-tifel fuq iż-żmenijiet imħarbta ta' Neruni meta dan, qalb iebsa żonqor, kien għors tiegħu jsawwat, ibiċċer, jaħqar, u joqtol l-insara, iċ-ċkejken deher xi ftit ħsiebu band'oħra u, kif l-ieħor waqaf mit-taħdita twila, staqsieh iħares ħosbien lejh:

—Għax ma tasalx wasla sa għand missieri?

—Missierek? stagħġeb Toninu; missierek? min hu?

—Il-Markiż Cassar Desain.

Toninu, lubien fi ħsiebu, ħares fiss, bħal wieħed li ma emminx, f'wiċċ it-tifel, imbagħad bi tmejjila ta' ras qallu iva.

L-għada, il-Ħadd, ma' feġġ ix-xemx, b'żewġ kotba taħt għabtu, Toninu qabad it-trieq għall-villa tal-Markiż. Kien jum mill-aħjar ta' Lulju hekk sabiħ li r-raħal ħareġ minn filgħodu kmieni bi ħġaru; ix-xemx, *l'astro maggiore dell'universo*, kif sejħilha poeta taljan, kienet għadha qed tixref minn bejn l-aħdar fil-bogħod ta' l-egħlieqi u l-ikħal nir u l-aħmar dagħmieni tas-sema mraxxax minn deheb maħlul u rubini mfarrka, xħin mix-xerq faxx dawl għodwi kien igħarrar it-twieqi nodfa ta' villa sabiħa u l-wiċċ daħkani tal-Markiż li, waqt li jberraħ il-purtelli minn fejn kienet dieħla żiffa bierda u ħelwa, beda jsejjaħ lil martu Lwiża u ż-żewġ uliedu, ix-xbejba Geltrude, ġmiel ta' warda, u ċ-ċkejken Aldo li ma hemmx għalfejn ngħidu min hu għax il-qarrej jafu sewwa.

Geltrude, xebba li qabżithom it-tletin, merfugħa f'mixjitha imma mhix imkabbra, wieqfa u b'ħarsa li titlob serjetà, kellha bixra li tiġbdek, kliemha kien ħelu u jħollok. Hi waqqgħet b'saħħa l-qlajja' mxerrda minn tfajliet għajjura li riedu jżommu li hi ħabbet b'imħabba li tagħti xebh il-ġenn lil bin il-baruni Depiro, u dan ma għarafx, jew ma riedx, iwieġeb għassejħa ta' mħabbitha. Hu minnu li għaddiet xi mħabba bejn dawn it-tnejn, ix-xbejba u bin il-baruni, xi għaxar snin ilu, iżda s-sewwa hu li, billi hu ġietu l-ħajra li jkattar l-istudji tiegħu barra, kellu jitlaq minn Malta, u, kif igħid il-Malti,

"bogħod mill-għajn, bogħod mill-qalb". Wara li damu xi ftit iwieġbu l-ittri ta' xulxin, waqgħet ukoll il-bruda f'pinnithom, u bdew, issa tiddawwar ma tikteb il-waħda, issa jiddawwar l-ieħor, sa ma nħabbithom intemmet fix-xejn.

Il-Markiż qagħad bil-qiegħda fuq siġġu tad-dirgħajn ħdejn martu, ħaddejh donnhom mimlija bid-dawl għodwi, u qabad ikellimha, qishom żewġ għarajjes friski, fuq ix-xemx, ix-xefaq, l-egħlieqi u sbuħithom. Geltrude xirfet fit-tieqa u b'mewġa ta' hena ġo qalbha, qagħdet titgħaxxaq b'dik il-medda raba', bil-ħarġa siġar fit-trieq li sserrep bejn għalqa u oħra, u bl-għana ħlejju tal-għasafar li donnu nixxiegħa tfawwar minn bur, ma kien jehda qatt; u Aldo, b'ħarstu mixgħula bil-ferħ ta' ċkunitu, intasab minn tulu fl-art fuq tapit bellusi mżewwaq bi lwien igħajtu u sbieħ. fejn, b'sengħa kbira, kien hemm minsuġa d-dehra ta' nofs qamar tal-fidda ġo sema lewn griż kaħlani.

—Il-lum taf li għandu jiġi, papà, beda jgħid imbagħad Aldo; dak ir-raġel xwejjaħ li qed igħallimni t-taljan?

—Iva; dak ir-raġel li semmejtli l-bieraħ hux? saqsa l-Markiż.

—U xħin qallek li jiġi? żiedet is-sinjura Lwiża.

—Ma nafx, qalli biss li jiġi, reġa' t-tifel.

—U x'għidt li jismu? saqsiet Ġeltrude biex, hi wkoll, tkun qalet xi ħaġa.

—Toninu.

Waqt li din it-taħdita kienet sejra, Toninu kien wieqaf quddiem biebhom jaqra biċċa kitba daqsiex imnaqqxa firram: MARKIŻ CASSAR DESAIN. Ftit wara qabad il-ħabbata tleqq kif mewġa dija tax-xemx kienet tilma fuqha, u ħabbat kemm jista' jkun bil-mod, imma għat-taħbita tiegħu, ħadd ma wieġeb; reġġa' t-taħbita aktar bil-qawwi u mbagħad sama' l-ġiri fit-taraġ u agħjat ta' "għaddi! għaddi!" taċ-ċkejken Aldo.

Biex ma ntawlux Toninu ġie milqugħ tajjeb wisq minnhom u talbuh biex ikompli magħhom kif niżlu għall-mejda, u hu donnu ma setax isib kliem biex ifisser it-tqanqil ħelu ta' qalbu u jiżżiħajr lilhom għal li għamlu miegħu. Ilbiesu kien fqir, u għall-ewwel staħa jidher b'dik ix-xeħta fqira quddiemhom, imma meta rahom ikellmuh bid-dħulija bħalkieku wieħed minnhom u ra li ħsiebhom ma kienx fil-faqar tiegħu, għamel il-ħila lilu n-nifsu, nesa għal kollox faqru, u qabad jitħaddet magħhom, isemmilhom fuq ħajtu mgħoddija, fuq l-edukazzjoni li rawwem meta kien l-Italja, l-istudji li għamel, u l-ġibda kbira għal-letteratura li kellu, Geltrude qagħ-

det b'wiċċha bejn idejha u b'ħarsitha f'għajnejh, tisma'; Aldo, bil-ħlewwa taċ-ċkejknin, qagħad jitbissem fuq imgħallmu; is-sinjura Lwiża, mistrieħa u mgħaxxqa fuq pultruna, qagħdet hija wkoll tisma', għalkemm ħabtiet ikun se jitilgħelha; u l-Markiż iqejjes il-kamra b'passi mgħaġġla, ma kienx qed jistagħġeb ftit meta għaraf li dan il-bniedem għaref, ta' ħila li ma beżgħetx mill-ħabs u mill-mewt, u li darba ismu kien miqjum u mweġġaħ bosta, hu dak l-istess wieħed li kien jara, mikdud u fqajjar, għajnejh mixrubin u mnikkta, sejjer filgħodu kmieni lejn Bormla jew dieħel f'xi għalqa jaħdem ma' l-ibdiewa, joħortilhom il-weraq, ilaqqmilhom is-siġar, jew jirgħalhom il-merħla.

Minn dak in-nhar il-quddiem Toninu sar midħla sewwa tad-dar tal-Markiż; u dejjem jiġri, sa minn sbieħ Alla, ġo darhom, ikellimhom, jurihom u jfehemhom fuq l-egħġubijiet li jsaħħru l-iljieli sajfija, fuq ix-xitel kif jissawwar u jikber, fuq il-friefet u n-naħal, kif huma jieħdu mill-ward dak it-trab tad-deheb imbagħad, jittajru fuq ward ieħor, imorru jfarfruh hemmhekk. Barra minn dan, l-għors tiegħu kien meta jagħti l-lezzjonijiet ta' l-ilsna lis-sbejħa Geltrude li, imġibtu l-ħelwa u għamilu t-tajjeb, laqtuha bosta u, bil-ħabi, bdiet tħoss bħal ħaġa tagħfsilha qalbha, tmissilha ruħha: ngħiduha bla nitnikkru, dik il-ħbiberija tagħhom seħħet imbagħad f'imħabba. Ma għandniex xi ngħidu l-omm u l-missier ħadmu ħafna biex dik l-imħabba ma żżidx; iżda kemm tqarrqu bl-ikrah! Ma kinux jafu jewwilla li meta l-imħabba tkun ġejja mill-qalb ma jistax ikun li titħassar?

Fil-villa tiegħu, villa mibnija fuq għaqba għariba kif taqbad Ħal Tarxien, bla djar fejnha, biss raba' u ħdura, imbewsa minn l-oħla mewġa dawl tax-xemx hi u tielgħa, imħarsa mis-siġar ħodor li telgħu ħdejha u mid-dwieli mtaqqla b'egħnieqed tal-għeneb, li jixxabbtu mal-ħitan tal-ġonna tagħha, wara għoxrin sena ta' ħajja ħienja, bla qatt riħ inniket ma nefaħ fuqha, aħna stajna naraw lis-Sur Tonin Bellizzi, raġel qrib is-sebgħin, qalbu miftuħa għal kull min jitlob l-għajnuna, u lis-sinjura Geltrude, bint il-Markiż, mistura dejjem fl-iswed, ħanina xejn inqas minn żewġha u idejha miftuħa ma' kulħadd, imma l-iżjed mal-foqra. Biex iferraħ xjuħithom il-Bambin ħallashom tal-ġid li għamlu, bi tfajla ħelwa u rżina, tagħti lemħa lil ommha fi xbubitha, tfajla, għandha t-tmintax il-sena tagħha u, ukoll, l-għarus. Qatt ma kisret fehmiet missierha u ommha, u dawn kienu jħobbuha daqs il-mimmi ta' għajnejhom.

Ġużi Chetcuti